## Is-Sbatax-il Lezzjoni:  L-Għid il-Kbir:  L-akbar festa tagħna

♥ L-aktar ħaġa importanti f'din il-lezzjoni huwa li niftakru li l-festa ta' l-Għid il-Kbir hija l-akbar festa għalina l-insara.

♥ Dan għaliex li kieku Ġesu' Kristu ma qamx mill-mewt, kieku l-fidi tagħna kienet tkun mibnija fuq ix-xejn.

♥ Għalkemm l-Appostli kienu semgħu t-tagħlim kollu ta' Ġesu', xorta waħda ma kinux fehmu li Ġesu' kien tassew se jqum mill-mewt. Fil-fatt wara l-mewt tiegħu huma ssakkru ġewwa għax kienu mimlijin biża'.

♥ Iżda meta Ġesu' ġie f'nofshom u qalilhom is-Sliem għalikom, il-biża' tagħhom inbidel f'ferħ kbir.

♥ Il-figura ta' San Tumas tfakkarna f'dawk in-nies li ma jemmnux. Iżda meta Tumas ra Ġesu' quddiemu, huwa emmen.

♥ Sbieħ ħafna l-kelmiet ta' San Tumas meta ra lil Ġesu' quddiemu: ***Mulej tiegħi u Alla tiegħi***.

♥ Il-Qawmien mill-mewt ta' Ġesu' hija tassew l-akbar ġrajja mill-ħajja tiegħu għaliex fiha wera li huwa tassew Alla.

♥ Permezz tal-qawmien tiegħu Ġesu' kisbilna s-salvazzjoni mid-dnub.

♥ Fiċ-ċelebrazzjoni ta' Sibt il-Għid, niltaqgħu ma' żewġ affarijiet importanti ħafna li huma d-dawl u l-ilma:

- ***Id-Dawl***:  Id-dlam ifisser id-dnub u l-mewt.  Ifisser li l-bnedmin huma mifrudin minn Alla.  Bil-qawmien tiegħu Ġesu' ġab id-dawl. Għalhekk id-dawl għalina l-insara jfisser ir-rebħa ta' Ġesu' fuq id-dlam, il-mewt u d-dnub.  F'daqqa waħda fil-knisja mudlama jinxtegħel il-Blandun li jfisser Kristu Rxoxt.  Il-Blandun jintuża

f'żewġ okkażjonijiet: fil-Magħmudija u fil-funerali. Fit-tnejn li huma l-knisja tqis li hemm ħajja ġdida.

- ***L-ilma***: Bħad-dawl l-ilma jfisser il-ħajja. Il-qassis ibierek l-ilma tal-Magħmudija. L-ilma li jfisser il-ferħ u l-paċi li ġabilna Ġesu', is-saċerdot iġibulna d-dar tagħna meta jiġi biex ibierek lilna u lill-familji tagħna.

♥ F'din il-festa niftakru wkoll meta aħna għad nerġgħu nqumu wara mewtna sabiex nibqgħu ngawdu lil Alla għal dejjem.

♥ Skond l-iskrittura, Kristu Rxoxt deher lil Marija Maddalena, lill-Appostli, lil San Tumas u lid-dixxipli ta' Emmaws.